*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,024, 28 ta' Ottubru, 1994*
*Taqsima C*

# Nru. 114

28. 10. 94

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli George Hyzler, M.P., Ministru għas-Sigurtà Soċjali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-26 ta' Ottubru, 1994.

**ATT dwar il-Bidu fis-Seħħ ta' Ċerti Emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable George Hyzler, M.P., Minister for Social Security, and read the First time at the Sitting of the 26th October, 1994.

**AN ACT concerning the Coming into Force of Certain Amendments to the Social Security Act, Cap. 318.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT dwar il-Bidu fis-Seħħ ta' Ċerti Emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1994 dwar il-Bidu fis-Seħħ ta' Ċerti Emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u għandu jinftihem u jinqara bħala ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Att Nru. XXV ta' l-1994) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fil-21 ta' Ottubru, 1994, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali għandhom jitqiesu li qatt ma daħlu fis-seħħ qabel l-emenda magħmula bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, u l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) għandu jinqara u jinftihem skond hekk.

Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fit-test Malti tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk" għandhom jidħlu l-kliem "is-Sigurtà Soċjali, u għandu jinqara u jinftihem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk"; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:—

"(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ kif ġej:—

(a) l-artikoli 2 u 3, 5 sa 7, il-paragrafi (b) sa (d) ta' l-artikoli 8, l-artikoli 9 sa 24, 26 sa 29, 32 sa 37 u l-artikolu 39 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994;

(b) il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 8 għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Ottubru, 1994;

(ċ) l-artikolu 25 għandu jitqies li beda jseħħ fl-4 ta' Jannar, 1992;

(d) l-artikoli 30 u 31 għandhom jibdew iseħħu malli dan l-Att isir liġi; u

(e) l-artikoli 4 u 38 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-3 ta' Jannar, 1994.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa sabiex jirratifika d-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

# A BILL

## entitled

*AN ACT concerning the Coming into Force of Certain Amendments to the Social Security Act, Cap. 318.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:—

**Short title and commencement.**

**1.** (1) This Act may be cited as the Social Security (Coming into Force of Certain Amendments) Act, 1994 and shall be read and construed as one with the Social Security (Amendment) Act, 1994, (Act No. XXV of 1994) hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 21st October, 1994, and the provisions of subsection (2) of section 1 of the principal Act shall be deemed as never having come into force prior to the amendment made by section 2 of this Act, and the Social Security Act (Cap. 318) shall be read and construed accordingly.

Amendment of section 1 of the principal Act.

**2.** Section 1 of the principal Act shall be amended as follows:—

(a) in the Maltese text of subsection (1) thereof, for the words "is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk", there shall be substituted the words "is-Sigurtà Soċjali, u għandu jinqara u jinftihem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk"; and

(b) for subsection (2) thereof, there shall be substituted the following:—

"(2) This Act shall be deemed to have come into force as follows:—

(a) sections 2 and 3, 5 to 7, paragraphs (b) to (d) of section 8, sections 9 to 24, 26 to 29, 32 to 37 and section 39 shall be deemd to have come into force on 1st January, 1994;

(b) paragraph (a) of section 8 shall be deemed to have come into force on 1st October, 1994;

(c) section 25 shall be deemed to have come into force on the 4th January, 1992;

(d) sections 30 and 31 shall come into force on the enactment of this Act; and

(e) sections 4 and 38 shall be deemed to have come into force on 3rd January, 1994.".

---

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to rectify the commencement provisions of the Social Security (Amendment) Act, 1994.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 4c — *Price 4c*